MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru. 301/2012

**Il-Pulizja**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Aaron Axisa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Aaron Axisa, bin Carmelo u Marianna nee' Bartolo imwieled Pieta' fid-19 ta' Awwissu 1982 u joqghod 57, Paloma Bianca, Triq il-Garakol, Hal-Ghaxaq detentur tal-karta ta' l-Identita' numru 461582M, gie akkuzat talli :

1. Fid-19 ta' Marzu 2012 ghal habta ta' 6.30am, u hinijiet qabel waqt li kien fi Triq Hompesh Fgura u f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' vettura tal-Ghamla ISUZU numru tar-registrazzjoni Maypole, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disa w ghoxrin ewro u seba' w tletin centezmu

(2329.37ewro), u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ James Debono minn Rahal Gdid u/jew ta’ persuni ohra.

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, ta’ hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b’nuqqas ta’ tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vetturi tal-ghamla ISUZU numru tar-registrazzjoni Maypole ghad-detriment ta’ James Debono, Toyota Corsa numru DOR147 ghad-detriment ta’ Doreen Cardinali minn Rahal Gdid, Datsun Sunny numru EAX289 ghad detriment ta’ Joseph Pisani minn Rahal Gdid u Opel Astra numru GAO491 ghad detriment ta’ Jean Paul Micallef mill Belt Valletta.

3. U aktar talli fl-istess cirkustanzi saq vettura tal-ghamla ISUZU numru Maypole b’manjiera traskurata u perikoluza.

4. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi f’dawn il-gzejjer meta kien qed jaghmel uzu minn vettura ISUZU numru tar registrazzjoni Maypole naqas li jieqaf meta nvolut f’incident tat-traffiku.

5. U aktar talli fid-19 ta’ Marzu 2012 ghal habta ta’ 10am u hinijiet wara waqt li kien arrestat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Fgura harab mill-post ta' kustodja.

6. U aktar talli fl-istess cirkustanzi fl-ghassa tal-pulizija Fgura u f’dawn ill-gzejjer m’obdiex l-ordnijiet Legittimi ta’ l-Awtorita’ jew ta’ uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn waqt li kienu qed jaghmlu id dmirijiet taghhom u billi ma halliehomx jaghmlu dak li bil-Ligi kienu ordnati li jaghmlu u jew jista’ jaghmlu w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi b’mod li jkun.

7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ta’ arma irregulari.

8. U aktar talli nhar id 19 ta’ Marzu 2012 u zminijiet qabel f’dawn il-gzejjer naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. A. Demicoli. LL.D. b'digriet datat 16 ta' Novembru 2010 u li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 16 t' Novembru 2010 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Aaron Axisa. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' 5,000 Euro bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tas-27 ta` Mejju 2013 li jinsab *a folio* 124 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tat-3 ta` Settembru 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat li fl-istess udjenza saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat (li tinsab a folio 27 et seq), id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi fid-19 ta` Marzu 2012, ghall-habta tas-6.30am, Aaron Axisa, waqt li kien fi Triq Hompesch, Fgura, ha fil-pussess tieghu, u gie li kkommetta serq, tal-van bin-numru ta` registrazzjoni “Maypole” ghad-detriment tas-sid James Debono. Waqt li Aaron Axisa saq din il-vettura, u s-sewqan tieghu irrizulta li kien wiehed perikoluz u traskurat ghall-ahhar, huwa laqat diversi vetturi ohra u kkagunalhom hsara. Sussegwentement, Aaron Axisa gie intercettat u mehud fl-ufficcju ta` l-Ispettur Spiridione Zammit. Waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija, huwa rnexxielu jisgicca, harab u ftit wara rega nqabad mill-pulizija. Dak il-hin, fil-pussess tieghu instabu *taser gun* u mizien. Dan kollu sehh meta Aaron Axisa kien qed igawdi mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest dwar proceduri ohra. In oltre, Aaron Axisa kien gia gie misjub hati u kkundannat ghal reati minn Qrati ohra.

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss, :

a) il-fedina penali refrattarja tal-hati;
b) id-depozizzjoni ta` Vicky Scicluna in rappresentanza tal-Agenzija Sedqa, li minnha jista jigi mifhum illi l-hati qieghed, bis-serjeta`, jitlob l-ghajnuna li ghandu bzonn sabiex ifittex jirriabilita` ruhu mill-abbuz tad-droga;
c) illi l-hati irid jifhem li jekk jikser il-ligi, irid jiffaccja l-konsegwenzi, u f’dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-hati jimmerita li jinghata piena karcerarja effettiva;

d) illi in linea mad-depozizzjoni ta` l-imsemmija Vicky Scicluna, din il-Qorti trid taccerta ruhha li ghandu dejjem jithalla l-bieb miftuh ghal kull min ghandu bzonn l-ghajnuna u ghalhekk trid tara li jekk il-hati ghandu opportunita` bhal din, jinghata l-ispazju biex jiehu dik l-ghajnuna;

Fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti f'dan il-kaz, din il-Qorti trid tibghat messagg illi sakemm ma jkunux jirrizultaw cirkostanzi verament specjali, kull min jinstab hati, filwaqt li jkun rediciv, ta` serq aggravat, harba minn kustodja u ksur tal-kondizzjonijiet ta` helsien mill-arrest fost ohrajn, jehtieg li jigi punit bil-karcerazzjoni u b'dan il-mod il-piena tkun qed isservi kemm ta` deterrent kif ukoll tkun qed taghmel gustizzja mas-socjeta`.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 160, 261(b)(c)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(b), 280, 281, 328(d), 338(ee), 533, 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, u r-Regolament 67 ta` l-Avviz Legali 128 tal-1994 (Ligi Sussidjarja 65.11), issib lil Aaron Axisa hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) u tordna s-sospensjoni ta` kull licenzja tas-sewqan, li ghandu fuq ismu l-hati, ghal perjodu ta` sena (1).

Il-Qorti tasjeni milli timponi l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li l-faxxikolu tar-ritratti esebit minn PC910 Sean Pace (ara folio 121) ma jidhirx li kien sar wara hatra apposita (bhala espert) ta` l-istess kuntistabbli tal-pulizija. Il-Qorti tastjeni wkoll milli tapplika l-provvedimenti ta` l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti bhala dok nru 7 (*taser gun*) u dok numru 8 (mizien elettroniku).

In vista ta` dak li xehdet Vicky Scicluna in rappresentanza tal-Agenzija Sedqa, l-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex, fil-parametri tal-

ligijiet u regolamenti applikabbli, jaghti lill-hati Aaron Axisa, l-opportunita` li jirriabilita` ruhu mill-problema tal-konsum tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------